**3 ta' Frar, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Il-Pulizija

*versus*

Nazzareno Briffa, Diego *sive* Dick Farrugia u Mario Portelli

**Serq**

*Bniedem li joqgħod għassa sakemm bniedem ieħor jikkommetti serq huwa korreu f'dak is-serq għax il-kunċett ta' korreu mhux ristrett għal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali għall-esekuzzjoni tar-reat.*

Il-Qorti:-

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-18 ta' Lulju, 1983, l-imputat Diego *sive* Dick Farrugia instab ħati (flimkien ma' imputat ieħor) talli fil-11 ta' Diċembru, 1980 għall-ħabta tas-1.00 p.m. fil-post numru mija, tlieta u sittin (163) Triq Bwieraq, Birkirkara, proprjetà ta' George Sciberras, ittanta jikkommetti r-reat ta' serq għad-dannu ta' l-istess George Sciberras, liema reat kien aggravat bil-vjolenza u mezz u ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti mill-volontà tiegħu - bl-assorbiment tar-reat tas-sewqan ta' *motor cycle* Yamaha 225cc mingħajr il-kunsens ta' sidu Ronald Mizzi u ġie lliberat minn kull reat u/jew

aggravju ieħor dedott kontra tiegħu fuq insuffiċjenza ta' provi, u ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien disa' xhur minn liema perijodu għandhom jitnaqqsu l-ġranet kollha li l-imsemmi Farrugia nżamm taħt arrest preventiv fil-mori tal-kawża;

B'rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju, 1983 l-imsemmi imputat Diego *sive* Dick Farrugia appella minn din id-deċiżjoni u talab li din il-Qorti tirriforma d-deċiżjoni appellata in kwantu tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha u tirrevokaha fil-parti kundannatorja tagħha u konsegwentement tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-liġi;

Trattat l-appell tiegħu; din il-Qorti wara li eżaminat id-deposizzjonijiet u wara li semgħet l-argumenti, ikkunsidrat:

L-appellant qiegħed jissottometti illi s-sehem tiegħu fl-allegat serq jemerġi biss jekk id-dikjarazzjoni tiegħu mal-pulizija tiġi kkunsidrata bħal waħda volontarja u l-prova tal-volontarjetà ta' l-istess dikjarazzjoni ma toħroġx mill-provi proċesswali;

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi mid-deposizzjoni ta' l-Ispettur Angelo Farrugia (fol. 19) u ta' P.S. 367 John Mifsud (fol. 2) jirriżulta li d-dikjarazzjoni ta' l-appellant ġiet magħmula minnu wara li ngħatat lilu is-solita twissija li ġiet irreġistrata ukoll fil-bidu ta' l-istess dikjarazzjoni (fol. 19) bil-kliem: "Ġejt imwissi mill-Ispettur Angelo Farrugia fil-presenza ta' P.S. 367 John Mifsud li m'iniex obbligat inwieġeb għall-ebda mistoqsija li ssirli iżda jekk nagħmel dan jitnizzel kollox bil-miktub u jista' jinġib bħala xhieda jew prova". Fl-aħħar ta' l-istess dikjarazzjoni, hemm ukoll il-kliem: "Jiena ma rrid inżid xejn ma' dan li għidt u dak kollu li għidt hija l-verità u din għeditha mingħajr biża', theddid jew vantaġġi wara li qrajt l-istqarrija li

jiena għamilt lill-pulizija illi nagħżel li niffirma". Ma hemm l-ebda prova fil-proċess li tiskwota din il-prova tal-volontarjetà u għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li d-dikjarazzjoni ta' l-appellant kienet volontarja skond it-termini tal-liġi;

Mill-imsemmija dikjarazzjoni ta' l-appellant jirriżulta ċar li huwa kien ftehem ma' ħaddieħor li jisirqu lill-imsemmi Sciberras, li ħadu *motor cycle* minn tas-Sliema biex jagħmlu serqa, li sieħbu daħal fil-post biex jagħmel is-serqa u kellu *revolver* u l-appellant qagħad jistenna barra, li wara ftit l-appellant ra lil sieħbu ħiereġ jiġri u raġel xiħ warajh b'siġġu u billi sieħbu telaq in-naħa l-oħra, l-appellant telaq ukoll. Mill-istess dikjarazzjoni ta' l-appellant jirriżulta ukoll li kien miftiehem li kif joħroġ sieħbu, dan jitla' warajh fuq il-mutur u jitilqu flimkien. Il-ftehim kien li l-appellant kellu jagħmilha ma' l-ieħor bħala xufier u l-appellant wara li s-serqa sfrattat, ħalla l-*motor cycle* fit-triq li tagħti għal San Ġwann - dejjem kif kienu ftehmu;

Għandu jiżdied illi l-appellant mhux biss għamel l-imsemmija dikjarazzjoni mal-pulizija iżda in segwitu, kif jirriżulta mill-imsemmija Spettur Farrugia u P.S. Mifsud, urihom minn fejn kien għadda bil-*motor cycle* wara li sfrattat is-serqa u fejn kien abbandunah (fol. 15 u 22);

Id-difiża ssottomettiet, fil-kors tat-trattazzjoni li kien hemm id-deżistenza da parti ta' l-appellant. Din is-sottomissjoni però ma tistax tiġi aċċettata. Il-provi juru li wara li s-serqa sfrattat minħabba r-reżistenza tal-vittma Sciberras, u sieħbu l-appellant ħareġ jiġri 'l barra f'direzzjoni opposta għal fejn kien qed jistennih l-appellant, l-appellant telaq ukoll bil-mutur. Mela mhux il-każ ta' deżistenza volontarja imma l-każ ta' persuna li riedet tikkommetti serq ma' ħaddieħor u meta rat li ma rnexxiex, ħarbet hija ukoll;

L-appellant qed jissottometti in subordina illi l-provi l-aktar li jistgħu jwasslu huma illi l-appellant kien kompliċi u mhux awtur tad-delitt. Iżda din is-sottomissjoni ma treġix għaliex ġie ritenut fil-ġurisprudenza (Appell Kriminali, **Il-Pulizija *vs* Salvu Muscat**, 9 ta' Novembru, 1957, Kollezzjoni Deċiżjonijiet Vol. XLI - IV - 1484) illi bniedem li joqgħod għassa sakemm bniedem ieħor jikkommetti serq huwa korreu f'dak is-serq għax il-kunċett ta' korreu mhux restritt għal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jipparteċipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali għall-esekuzzjoni tar-reat. F'dan il-każ jirriżulta ċar li l-appellant kien qiegħed jipparteċipa fil-kooperazzjoni tiegħu billi kien qiegħed jistenna sakemm sieħbu jagħmel id-delitt u jaħarbu flimkien;

Id-difiża talbet ukoll il-benefiċċju *laevioris poenae*. L-Ewwel Qorti, bid-deċiżjoni tagħha tat ir-raġuni il-għala għamlet differenza fil-piena mogħtija lill-appellant u dik mogħtija lill-imputat l-ieħor. Il-Qorti ma ssibx li jirrikorru fil-każ ta' l-appellant dawk iċ-ċirkostanzi li induċew lill-Ewwel Qorti li tapplika l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali fil-każ ta' l-imputat l-ieħor. Fil-każ ta' l-appellant, il-fedina penali tiegħu hija tali li ma tistax tinklina lil din il-Qorti li tirriduċi l-piena;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fuq imsemmija.